AWTORITÀ TAD-DJAR

HOUSING AUTHORITY

# RAPPORT TAS-SENA 1996 - 1997

# ESTIMI GHAS-SENA 1997 - 1998

**Rapport Amministrattiv**
**Bejn l-1 ta' Ottubru, 1996**
**u t-30 ta' Settembru, 1997**

**Rapport Finanzjarju**
**Bejn l-1 ta' Ottubru, 1996**
**u t-30 ta' Settembru, 1997**

**Estimi ta' Nfieq u Dhul**
**Bejn l-1 ta' Ottubru, 1997**
**u t-30 ta' Settembru, 1998**

**Imhejjija skond l-Artikli**
**11 u 13 ta' l-Att**
**Dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261).**

## KONTENUT


RAPPORT AMMINISTRATTIV .......................................... 1 - 19

RAPPORT FINANZJARJU .......................................... 20 - 23

ESTIMI GHAS-SENA 1997/98 .......................................... 24 - 29

# AWTORITA' TAD-DJAR

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 1996/1997

**1.0 Dahla**

1.1 Dan ir-rapport iffisser hidmet l-Awtorita' tad-Djar tul it-tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru, 1996 sat-30 ta' Settembru, 1997.

1.2 Matul din is-sena, hidmet l-Awtorita' tad-Djar tmexxiet minn Bord nominat permezz ta' Avviz Legali Numru 535 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Awissu 1996 u Avviz Legali Numru 582 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awissu 1997.

Dan il-Bord kien kompost minn:-

Dr. Robert Tufigno LL.D. (Chairman)
Is-Sur Carmel Esposito
Dr. Susanne Felice LL.D.
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Dr. Richard Sladden LL.D.
Is-Sur Anthony Zarb F.C.C.A.,M.I.A.,C.P.A.A.., M.B.A (Warwick),
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

Fis-16 ta' Settembru 1997 dan il-Bord spiccatlu it-terminu tal-hatra u b'effett mill-ghada 17 ta' Settembru 1997 permezz ta' Avvizi Legali Numru 707 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Ottubru 1997 u Numru 724 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru 1997 gie nominat Bord gdid kompost minn:-

Is-Sur Victor Galea (Chairman)
Is-Sur Clyde Attard B. Comm
Dr. Joseph Azzopardi LL.D
Mrs. Valentina Bonello
Mr. Piju Busuttil B.A (Arch Stud) B.A. Arch (Hons) A& CE
Is-Sur Carmel Esposito
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Is-Sinjura Carmen Sant
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

1.3 Il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqghu kemm il-darba biex jiddiskutu diversi materji u jittiehdu diversi decizjonijiet. Dawn il-laqghat kienu f'forma ta' Bord jew Sottokumitat.

**2.0 Sena ta' hidma.**

2.1 423 beneficjarju ibbenfikaw matul din is-sena li involva l-ammont ta' LM 3,279,404 bhala sussidji f'xiri ta' proprjeta'. Barra min hekk 4,000 familja gawdew minn sussidju fuq self u fuq ic-cens li l-ammont tas-sussidju lahhaq ghal Lm 145,480.

2.2 L-Awtorita' kompliet bl-ipprocessar ta' applikazzjonijiet li rceviet taht Avvizi 57 u 58 kif ukoll bl-allokazzjonijiet taht l-Avvizi 55 u 56.

Taht l-Avviz 57 hargu ghall-allokazzjoni b'xiri appartamenti, *maisonettes*, *Cluster Houses* u garaxxijiet fejn applikabbli, fil-lokalitajiet li gejjin:

APPARTAMENTI

| LOKALITA' | NUMRU TA' APPARTAMENTI |
|---|---|
| Birkirkara | 15 |
| Bugibba | 2 |
| Kalkara | 19 |
| Luqa | 6 |
| Msida | 14 |
| Naxxar | 26 |
| Siggiewi | 22 |
| Vittoriosa | 3 |
| Zebbug | 20 |
| **TOTAL** | **127** |

CLUSTER HOUSES

| LOKALITA' | NUMRU TA' CLUSTER HOUSES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Mtarfa | 51 | 51 |
| **TOTAL** | **51** | **51** |

MAISONETTES

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Attard | 4 | 4 |
| Birzebbuga | 8 | 8 |
| Dingli | 2 | 2 |
| Luqa | 2 | 2 |
| Mosta | 4 | 4 |
| Mtarfa * | 56 | 56 |
| San Gwann | 2 | 2 |
| Sta. Lucia | 1 | 1 |
| Zebbug | 4 | 4 |
| Zejtun | 2 | 2 |
| **TOTAL** | **85** | **85** |

* *F'advanced Shell Form*

**2.2.1** Taht Avviz Numru 58 hargu ghall-allokazzjoni b'kiri appartamenti fil-lokalitajiet li gejjin:

**APPARTAMENTI**

| **Lokalita'** | **Numru ta' Appartamenti ghall-Kiri** |
|---|---|
| Birkirkara | 13 |
| Kalkara | 17 |
| Msida | 14 |
| Zurrieq | 27 |
| **Total** | **71** |

Il-postijiet taht dawn iz-zewg avvizi kienu mqassma u applikaw ghalihom hekk:-

**Avviz Numru 57**

| **Kategorija** | **Numru ta' Postijiet** | **Numru ta' Applikanti** |
|---|---|---|
| A (Koppji mizzewgin) | 62 | 225 |
| B (Koppji gharajjes) | 177 | 807 |
| E (Genitur Wiehed) | 12 | 40 |
| G (Koppja ta' mizzewgin, il-fuq minn 60 sena li ghandhom applikazzjoni pendenti mad-Dipartiment ghall- Akkommodazzjoni Socjali halli biddlu l-post ta' residenza taghhom minhabba l-ammont ta' tarag li jaghti ghar-residenza taghhom) | 12 | 3 |
| **Total** | **263** | **1075** |

**Avviz Numru 58**

| **Kategorija** | **Numru ta' Appartamenti** | **Numru ta' Applikanti** |
|---|---|---|
| A (Koppji mizzewgin) | 52 | 228 |
| C (Mhux anqas minn 2 persuni mhux mizzewgin, jghixu flimkien, u kollha ghalqu 35 sena sad-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviz. Imma f'kaz li wiehed jew aktar, minn din il-kategorija ta' applikanti ikun handikappat, allura minn ikun handikappat,ma jkollux ghalfejn ikun ghalaq il-35 sena fiz-zmien stupulat) | 5 | 2 |
| E (Genitur Wiehed) | 8 | 137 |

| Kategorija | Numru ta' Appartamenti | Numru ta' Applikanti |
|---|---|---|
| G (Koppja ta' mizzewgin, il-fuq minn 60 sena li ghandhom applikazzjoni pendenti mad-Dipartiment ghall- Akkommodazzjoni Socjali halli jbiddlu l-post ta' residenza taghhom minhabba l-ammont ta' tarag li jaghti ghar-residenza taghhom) | 6 | 4 |
| **Total** | **71** | **371** |

**2.2.2** Fis-26 ta' Ottubru 1996, taht Avviz Numru 60 l-Awtorita' tad-Djar harget ghall-allokazzjoni 74-il post f'dawn il-lokalitajiet:-

MALTA -APPARTAMENTI

| Lokalita' | Numru ta' Appartamenti |
|---|---|
| Naxxar | 24 |
| **Total** | **24** |

***MAISONETTES* (Gebel u saqaf)**

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Dingli | 4 | 4 |
| Kirkop | 3 | 3 |
| Marsascala | 1 | 1 |
| Mellieha | 1 | 1 |
| Mgarr | 1 | - |
| Mosta | 4 | 4 |
| Naxxar | 4 | 4 |
| Pembroke | 2 | 2 |
| San Gwann | 12 | 12 |
| Ta' Giorni | 7 | 7 |
| Zurrieq | 3 | 1 |
| **Total** | **42** | **39** |

**GHAWDEX - *MAISONETTES* (Gebel u saqaf)**

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Kercem | 2 | 2 |
| Qala | 2 | 2 |
| Xaghra | 2 | 2 |
| Victoria | 2 | 2 |
| **Total** | **8** | **8** |

Din id-darba kien hemm bidla fil-kategoriji ta' min setgha japplika. Ghaldaqstant il-fondi taht dan l-avviz kienu mqassma u applikaw ghalihom hekk:

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| **I** - Koppji Mizzewgin * jew Genitur wiehed b'ulied mhux mizzewgin jghixu mieghu fl-istess fond u li joqghodu ma' terzi. | 136 | 10 |
| **ID** - Koppji Mizzewgin * jew Genitur wiehed b'ulied mhux mizzewgin jghixu mieghu fl-istess fond u li ghandhom dizabilita' u li joqghodu ma' terzi. | 2 | 1 |
| **H** - Koppji Mizzewgin * jew Genitur wiehed b'ulied mhux mizzewgin jghixu mieghu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard.* | 63 | 33 |
| **HD** - Koppji Mizzewgin * jew Genitur wiehed b'ulied mhux mizzewgin jghixu mieghu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard* u li ghandhom dizabilita'. | 4 | 2 |
| **B** - Koppji Gharajjes. | 873 | 20 |
| **BD** - Koppji Gharajjes b'dizabilita'. | 2 | 2 |
| **DIS** - Koppji Mizzewgin * jew Genitur wiehed b'ulied mhux mizzewgin jghixu mieghu fl-istess fond, u li ghandhom dizabilita' u ma joqghodux go fond perikoluz u/jew *substandard* u ma joqghodux ma' terzi. | 9 | 6 |
| **TOTAL** | **1089** | **74** |

* Koppji mizzewgin iridu jkunu mhux separati, jew bla tfal, jew bit-tfal mhux mizzewgin jghixu maghhom fl-istess fond.

Wara il-verifika tal-1089 applikazzjonijiet ricevuti, l-applikanti gew moghtija il-punti. Il-lista tal-punti giet ippubblikata fuq in-*Notice Bord* ta' l-Awtorita' tad-Djar.

Min ma jaqbilx mal-punti moghtija jew ma' l-invalidita ta' l-applikazzjoni jista joggezzjona bil-miktub u jaghti r-raguni ghalhiex ma jaqbilx. Dawn l-oggezzjonijiet jghalqu fis-7 ta' Ottubru, 1997. Gie nominat sottokumitat ghal ta' l-apposta biex jivverifika dawn l-oggezzjonijiet u wara tigi ppubblikata l-lista finali.

Taht din il-Harga, il-beneficjarji gawdew minn xi kondizzjonijiet differenti minn dawk tal-hargiet ta' qabel fosthom:

(1) Bhala rizultat ta' tahditiet mall-Lohombus Bank Limited,

(a) min jissellef minghand dan il-Bank b'rata sussidjata jista jhallas lura s-self fuq medda ta' 30 sena (flok 25 sena) u jista jissellef b'rata sussidjata sa 90% tal-prezz sussidjat tal-fond (flok sa Lm 6,000) kemm

biex jixtri u ilesti l-*maisonette* jew biex jixtri l-appartament. B'hekk il-beneficjarju jhallas somma izghar bhala depositu;

(b) il-*fees* ghall-ipprocessar ta' l-applikazzjoni u dawk legali tal-Lohombus Bank Limited gew ridotti drastikament.

(2) L-Awtorita' tad-Djar issussidjat r-rata ta' l-imghax fuq is-self sa 90% tal-valur sussidjat tal-*maisonette* u anke ta' dak tal-appartament.

Bhala rizultat ta' dan il-pagament kull xahar ghall-hlas lura tas-self naqas.

Bhall-hargiet ta' qabel min jaghzel li ma jiehux self issussidjat jinghata skont (sussidju) ta' 10% fuq il-prezz issussidjat tal-fond.

(3) F'din il-harga regghet giet introdotta s-sistema li punti jinghataw lit-tfal kollha tal-applikant.

(4) Inghataw punti *extra* ghal minn jghix f'postijiet li l-*floor area* hija ristretta.

(5) Fil-kaz ta' applikazzjonijiet precedenti ma' l-Awtorita', punti inghataw ghall-kull sena li l-applikant applika bla success, anke jekk dawn l-applikazzjonijiet saru qabel l-1989.

(6) Minn jghix f'residenzi perikoluzi nghata l-aktar preferenza.

L-Awtorita' tad-Djar offriet ghajnuna biex tghin lill-beneficjarji jirrendu il-fond accessibbli ghall-persuni b'disabilita'. Din l-ghajnuna tikkonsisti f'ghotja sa Lm 800 jew sa Lm 1200 skond kif hemm ipprovdut fl-iskeda annessa ma' l-Avviz. Oltre din l-ghotja, l-Awtorita' taghti ghajnuna lill-beneficjarji billi thallas parti mill-imghax li jkunu qeghdin jithallsu mill-beneficjarji lill-bank jew istituzzjoni finanzjarja fuq self moghti lilhom sabiex jispiccaw x-xogholijiet fuq il-fond akkwistat minnhom taht dawn avvizi.



Waqt l-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Awtorita' tad-Djar kienet ghaddejja wkoll bir-revizjoni ta' kull sentejn fuq ir-rati sussidjati ta' l-imghax u fuq ic-cens tal-*HOS plots* u fuq ir-rata ssussidjata ta' l-imghax ta' self ta' l-iskemi "Sir Sid Ta' Darek". Dan l-ezercizzju kien jinvolvi 'l-fuq minn 2,400 revizjoni.




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | ½ % | 2½% | 3% | 3½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 1000 | 2000 | 3000 | 4000 | 5000 | | |

* **Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | 3% | 3.5% | 4% | 4.5% | 5% | 5.5% | 6% | 6.5% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 1500 | 2000 | 2500 | 3000 | 3500 | 4000 | 4500 | 5000 | |

* **Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | 1 % | 2% | 3% | 4½% | 6% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1500 | Lm 2000 | Lm 3000 | Lm 4000 | Lm 5000 | |

*** Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | ½% | 1% | 1½% | 2% | 3½% | 4% | 4½% | 5% | 5½% | 6% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1000 | Lm 1500 | Lm 2000 | Lm 2500 | Lm 3500 | Lm 4000 | Lm 4500 | Lm 5000 | Lm 6000 | Lm 7000 | Lm |

*** Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




* **Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | 3½ % | 4% | 4½% | 5% | 5½% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 2000 | Lm 2500 | Lm 3000 | Lm 3500 | Lm 4000 | Lm 5000 | Lm |

* **Dhul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-harga relattiva**

## 2.4. Skema tal-*Home Ownership*

L-Awtorita' tad-Djar baqghet ghaddejja bil-*policy* taghha li *plots* allokati taht l-iskema tal-*Home Ownership* u li jergghu jigu fil-pussess taghha jigu zviluppati f'*maisonettes* u garaxxijiet. Bhalissa qeghda tahdem fuq 10 plots ohra.

## 2.5 Skemi biex il-Kerrej isir Sid ta' Daru u Biex Isiru Xogholijiet ta' Rrangar u Titjib f'Residenzi Privati

L-Awtorita' ipprocessat l-applikazzjonijiet li rceviet taht l-iskemi I, J, K, L, M, N u P.

Fl-istess zmien ikkonkludiet xi applikazzjonijiet pendenti li kienet irceviet taht avvizi illum skaduti ta' l-iskemi biex inkwilini isiru sid ta' darhom.

F'dan l-ahhar tnax-il xahar l-Awtorita' tad-Djar irceviet u processat l-applikazzjonijiet taht l-iskemi differenti kif gej:-

| SKEMA | APPLIK. RICEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI |
|---|---|---|---|
| I - Xiri ssussidjat ta' djar ta' abitazzjoni li huma proprjeta' tal-Gvern mill-kerrejja rispettivi. | 264 | 369 | 239 |
| J - Sussidju fuq kera ta' residenzi privati li m'humiex proprjeta' tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern | 5 | 4 | 4 |
| K - Sussidju ghall-fidi ta' Cens fuq Plots moghtija b'cens perpetwu mill-Awtorita' tad-Djar taht l-iskemi tal-*Home Ownership.* | 60 | 60 | 133 |
| L - Ghotja ghal xogholijiet ta' rrangar u titjib fi djar privati mill-inkwilini. | 117 | 71 | 3 |
| M - Ghotja ghax-xiri ta' djar ta' abitazzjoni privati mill-kerrejja rispettivi, ghotja ghal xogholjiet ta' rrangar u titjib u self sussidjat. | 15 | 6 | 3 |
| N - Ghotja ghal xogholijiet ta' rrangar u titjib fi djar privati okkupati jew ser jigu okkupati mis-sidien u self sussidjat. | 166 | 116 | 3 |
| P - Sussidju ghall-fidi ta' cens fuq *plots* moghtija b'cens temporanju jew b'cens temporanju li wara gie konvertit f'wiehed perpetwu jew b'cens perpetwu mid-Dipartiment ta' l-Art taht l-iskemi tal-*Home Ownership.* | 408 | 145 | 92 |

L-applikazzjonijiet approvati taht Skemi L, M u N ghadhom ma gewx kollha finalizzati peress li l-applikanti ma ppresentawx il-kontijiet tax-xoghol approvat biex isir il-hlas.

L-iskemi L, M u N jipprovdu ghall-ghotja sa massimu ta' Lm 1,800 halli tghin l-inkwilini jwettqu x-xogholijiet ta' rrangar u titjib li gejjin, jigifieri:-

(i) tiswijiet ta' strutturi perikoluzi;
(ii) il-bdil ta' stallazzjonijiet qodma ta' l-ilma u ta' l-elettriku;
(iii) xogholijiet ta' titjib fi kmamar tal-banju jekk dawn jkunu taht livell accettabbli jew, fejn ma hemmx kamra tal-banju fil-post, ghall-installazzjoni tal-kamra tal-banju;
(iv) twahhil ta' madum ta' l-art biex il-post jigi rendut abitabbli;
(v) tiswijiet ta' sistema qadima tad-drenagg jew sostituzzjoni taghha;
(vi) it-tiswija tal-bibien ta' barra, ta' l-aperturi u ta' gallerijiet skond il-kaz, li jkunu taht livell accettabbli;
(vii) provizjoni ta' *water proofing* ghas-soqfa tad-dar.

Barra minn hekk, taht l-iskema M beneficjarju jista jiehu ghotja sa massimu ta' Lm 1,800 biex jixtri l-fond fejn joqghod u self sussidjat biex ihallas id-dar kif ukoll ghotja sa massimu ta' Lm 1,800 u self sussidjat biex jaghmel xoghol ta' rrangar u titjib, waqt li taht skema N jista jgawdi minn ghotja sa Lm 1,800 u minn self issussidjat biex jaghmel xoghol ta' rrangar u titjib.

L-Awtorita' tad-Djar qeghda tirrevedi xi uhud min dawn l-iskemi halli jkunu jistghu jibbenefikaw aktar nies li haqqhom l-ghajnuna kemm biex jsiru sid ta' darhom kif ukoll biex jirrangaw ir-residenza taghhom halli tkun adekwata ghall-bzonnijiet tal-familja ta' l-applikant.

F'dan l-ahhar tnax-il xahar saru:-

1. Kuntratt wiehed ta' bejgh ta' proprjeta' tal-Gvern taht Skema "E".

2. Kuntratt wiehed ta' bejgh ta' fond tal-Gvern taht Skema "G".

3. 307-il konvenju u 239-il kuntratt ta' bejgh ta' djar u appartamenti tal-Gvern taht Skema "I"

4. 196-il konvenju u 155-il kuntratt ta' bejgh ta' appartamenti/*maisonettes* godda tal-Gvern.

5. 22-il kuntratt fuq garaxxijiet u hwienet mahruga b'offerti.

6. 5 kuntratti fuq *soil area.*

7. 2 kuntratti ta' verandi u partijiet komuni ta' blokkijiet fl-Imtarfa.

8. 133-il kuntratt ta' fidi ta' cnus ta' *HOS Plots* li gew allokati taht 1 sa 10 harga - Skema K.

9. 3 kuntratti taht Skema L - ghotja lill-inkwilini ghall-irrangar u titjib f'djar privati.

10. 3 kuntratti taht Skema M - ghotja ghax-xiri ta' djar privati mill-inkwilini u ghotja ghal xoghol ta' rrangar u titjib kif ukoll self issussidjat ghax-xiri tal-fond u ghal xogholijiet ta' rrangar u titjib.

11. 3 kuntratti taht Skema N - ghotja ghal-xoghol ta' rrangar u titjib lis-sidien li joqghodu fir-residenza taghhom.

12. 92-il kuntratt taht Skema P- fidi ta' cnus ta' *HOS plots* allokati qabel 1979 mid-Dipartiment ta' l-Art.

Fl-istess perjodu, l-Awtorita' harget 27-il permess ta' bejgh lil dawk il-beneficjarji li xtaqu jbieghu d-dar li bnew fuq il-*plot* u dana wara l-gheluq ta' 10 snin mill-hrug tal-permessi tal-bini. Minn dawn, gew finalizzati 25 kaz.

**Il-Progett ta' l-Imtarfa**

L-izvilupp tal-Progett tal-Belt ta' l-Imtarfa tkompla skond il-pjan imfassal biex jinbnew aktar djar moqdija bil-facilitajiet, servizzi u infrastruttura kollha mehtiega ghal Belt moderna.

Ix-xoghol fuq il-progett ta' bini ta' 56 *maisonette* bil-garaxxijiet maghhom tlesta u l-*maisonettes* gew allokati. Dan il-progett kien jinkludi wkoll gibjun u gnien pubbliku fuq in-naha ta' wara tal-*maisonettes* minn fejn wiehed jista jgawdi veduta fuq ic-Chadwich Lakes. Tkompla wkoll ix-xoghol fuq il-bini ta' l-40 *Cluster House* u 40 garaxx li jinsab fi stadju avvanzat. Dawn l-appartamenti flimkien ma' l-garaxxijiet gew allokati wkoll. Inbeda x-xoghol fuq il-bini ta' 30 *maisonette* u bil-garaxxijiet maghhom li mistenni jitlesta fil-bidu tas-sena d-diehla.

Il-bini tat-*Town Centre* tlesta u l-Awtorita' tad-Djar harget bl-offerta l-hwienet u l-ufficini li jaghmlu parti minn dan il-bini. It-*Town Centre* jinkludi ukoll *Club*, Klinika, Ufficcju tal-Posta u Ghassa tal-Pulizija. L-Awtorita' tad-Djar ser titrasferixxi bicca art hdejn it-Town Centre lill-Curia u fil-fatt inbeda' ix-xoghol fuq il-bini ta' Knisja u Centru Parrokjali. Il-progett tal-irrangar u bini ta' estensjoni ma' l-*Gymnasium* esistenti inbeda u x-xoghol avvanza gmielu.

Minbarra x-xoghol fuq il-bini, tkompla ukoll ix-xoghol ta' infrastruttura fosthom it-toroq madwar l-*HOS plots*, tqeghid ta' servizzi godda taht l-art u dawl fit-toroq. L-Awtorita' tad-Djar ghandha l-inkarigu li tamministra u twettaq xoghol ta' ko-ordinazzjoni ma' l-Awtoritajiet ikkoncernati dwar l-installazzjoni tas-servizzi kollha mehtiega fl-Imtarfa. Ta' min isemmi li dawn is-servizzi jithallsu ukoll mill-fondi tal-Awtorita'. Ix-xoghol ta' toroq u infrastruttura ghandu jitkompla matul is-sena d-diehla. F'zoni ohra fl-Imtarfa jsir xoghol ta' *landscaping* u gonna sabiex jinholoq ambjent attraenti. L-Awtorita' tad-Djar ghandha pjan ghal bini ta' madwar 80 *maisonettes* u appartamenti f'erba' lokalitajiet ohra fl-Imtarfa. Qed jithejjew il-pjanti u l-applikazzjonijiet mehtiega biex jinkiseb il-permess ghal dan l-izvilupp.

Barra minn hekk l-Awtorita' tad-Djar qed izzomm kuntatt kontinwu mar-residenti kollha ta' l-Imtarfa, il-beneficjarji tal-postijiet godda kif ukoll mall-Kunsill Lokali u l-Assocjazzjoni tar-Residenti ta' l-Imtarfa. Ghal dan il-ghan twaqqaf Sottokumitat fi hdan il-Ministeru ghad-Djar u l-Awtorita' tad-Djar

sabiex ikun jista' jiehu azzjoni fuq talbiet u lmenti li jaghmlu dawn ir-residenti u l-beneficjarji, u fuq kollox sabiex jippjana u jmexxi x-xoghol fuq il-progett ta' din il-Belt.

**Attivitajiet ohra matul is-sena**

**2.6.1** Saru 478-il kuntratt minn Nutara maghzula mill-beneficjarji stess halli jigu iffinalizzati t-trasferimenti tal-*HOS plots* lill-beneficjarji. Oltre dawn saru wkoll 341-il kuntratt rigward fidi ta' cnus gravanti l-istess *HOS plots.*

**2.6.2** L-Awtorita' tad-Djar irceviet 7 applikazzjonijiet ghall-ftuh ta' hwienet fuq *HOS plots*. Dawn kollha gew approvati.

**2.6.3** Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Avviz Numru 47 li deher fil-Gazzetta ta' l-1 ta' Marzu 1994, fejn wiehed jista' jiddisponi mill-*HOS plots* u l-benefikati ta' fuqha lil terzi persuni, l-Awtorita' tad-Djar irceviet 18-il applikazzjoni.

S'issa l-Awtorita' approvat 16-il talba u saru 14-il att ta' trasferiment.

**2.6.4** Bhal snin precedenti, is-Sezzjoni Teknika kellha sehem kbir fl-attivita ta' l-Awtorita'. Saru:-

(1) 184-il spezzjoni rigward hlas ta' *cash grants* lill-beneficjarji ta' l-*HOS Plots.*

(2) 948-il *Progress Report,* biex jinzamm kontroll fuq l-izvilupp ta' *HOS Plots.*

(3) 638-il spezzjoni biex isiru *Line Drawings* tar-residenzi tal-applikanti mal-Awtorita' tad-Djar.

(4) 415-il spezzjoni halli l-inkwilini jkunu jistghu jixtru r-residenza taghhom.

Barra minn hekk saru:-

(1) 362-il pjanta ta' residenzi proprjeta' tal-Gvern u tal-privat halli l-inkwilini jkunu jistghu jixtru r-residenza taghhom.

(2) 81-il pjanta ghall-*Land Registry* u Dipartimenti ohra.

(3) Approvat 105-il pjanta rigward bini fuq *HOS Plots.*

(4) Ghamlet 1547-il appuntament b'ittra u 638 ohra permess tat-telefon.

Din is-sezzjoni kienet involuta ukoll fl-iffissar tal-prezzijiet ta' l-appartamenti u *maisonettes* mahruga taht l-Avviz Numru 60 u qed tipprepara il-prezzijiet tal-fondi li ser jinhargu taht l-avviz li jmiss.

Fil-prezent qed tipprepara ukoll pjanti ghall-izvilupp ta' *plots* f'*maisonettes* u garaxxijiet li ser issiru mill-Awtorita' tad-Djar f'diversi lokalitajiet f'Malta u f'Ghawdex. Gew ippreparati ukoll it-*Tender Documents* ghal dawn il-*maisonettes*.

Barra minn dan saru talbiet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet halli jigi trasferit lilha postijiet tal-Gvern permezz ta' Ordni Presidenzjali.

Xoghol iehor maghmul minn din is-sezzjoni kien 281-il *Condition Report* fuq garaxxijiet u appartamenti / *maisonettes* godda tal-Gvern. Dawn il-*reports* saru *on site* fil-presenza tal-beneficjarji taghhom. Saru ukoll *site plans* u spezzjonijiet biex jigi zgurat li art li fuqha ser isir zvilupp mill-Awtorita' tad-Djar ma tkunx okkupata.

**2.6.5** Permezz tad-Dipartiment ta' l-Art, l-Awtorita' tad-Djar harget ghall-bejgh b'offerti postijiet mhux residenzjali f'Attard, Luqa, Msida, Mtarfa, Pieta', San Gwann u Sta Venera.

**2.6.6** Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuna b'disabilita' giet allokata fond mill-Awtorita' tad-Djar biex residenti min Dar il-Wens jkunu jistghu jghixu hajja normali ghal rashom.

## 3.0 Progetti ghall-Futur

**3.1** Fix-xahar ta' Ottubru 1997, l-Awtorita' tad-Djar, ghall-ewwel darba ser tohrog ghall-allokazzjoni fuq pjanta appartamenti u *maisonettes* u garaxxijiet abbinati maghhom f'diversi lokalitajiet. B'dan il-mod il-beneficjarji prospettivi jistghu fost affarijiet ohra isegwu ix-xoghol tal-fond allokat lilhom u b'hekk xi difetti li jista jkun hemm tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur halli finalment il-beneficjarji jiehdu il-post fl-istat u fil-kundizzjoni li jixtiequ huma. Din il-harga ser ikollha madwar 120 post mxerrdin f'diversi lokalitajiet f'Malta.

**3.2** L'*Isteering Committee* ghal pjan ta' Pembroke ipprezenta *draft final report* lill-Ministru ghad-Djar. Hemm ippjanat il-bini ta' madwar 1,240 *unit*. Diga saru applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghall-bini ta' uhud min dawn il-postijiet.

**3.3** Kif diga gie mhabbar, l-Awtorita' tad-Djar flimkien mad-Dipartiment ghal-Kostruzzjoni ta' Bini u Tiswija qeghdin ihejju ghall-bini ta' aktar sulari fuq blokki ta' appartamenti ezistenti. Dan il-progett ikopri installazjoni ta' *lifts* u bini ta' 498 post.

**3.4** L-Awtorita' tad-Djar qed tistenna ir-rizultat finali tal-Kummissjoni nominata biex tidentifika art tajba ghall-bini li hi proprjeta' tal-Gvern jew li giet ghand il-Gvern minghand il-Knisja biex tkun tista tippjana aktar bini ta' postijiet residenzjali ghac-cittadini.

3.5 Bhalissa ghaddej il-bini ta' postijiet godda fejn qabel kien hemm kerrejjiet li issa twaqqaw. Il-lokalitajiet li hemm progetti simili jew ta' rehabilitazzjoni huma il-Belt Valletta, il-Birgu, il-Bormla, il-Furjana u l-Imsida.

3.6 Sidien ta' postijiet qeghdin jigu mhajjra ibieghu il-proprjeta' taghhom lill-Awtorita' tad-Djar biex dawn jigu allokati minnha taht diversi skemi taghha. Bhalissa ghandha tahditijiet li qeghdin f'stadju avvanzat dwar bini f'Bormla u f'Wied il-Ghajn. Ghaddejjin ukoll trattativi ma sid ta' postijiet fil-Furjana. Dan l-ahhar ukoll, l-Awtorita' tad-Djar giet informata li hemm sidien ta' postijiet ohra fil-Furjana u Santa Venera li jixtiequ jbieghulha il-postijiet taghhom.

3.7 Peress li l-Awtorita' tad-Djar hija konxja tal-fatt illi hemm beneficjarji ta' *HOS plots* li ma jistghux jifdu ic-cens gravanti il-*plots* taghhom peress li l-art li hemm mibnija fuqha d-dar il-Gvern ma ghandux titolu legali fuqha, l-Awtorita' qed tistudja skema biex dawn ikunu ukoll jistghu jgawdu min dan il-beneficcju.

3.8 Anke dawk li joqghodu fi proprjeta' tal-Gvern mikrija lilhom, liema proprjeta' hija mibnija fuq art li l-Gvern m'ghadux titolu legali fuqha, qed tigi studjata skema biex dawn ir-residenti jkollhom il-possibilta li jakkwistaw d-dar li joqghodu fiha, u b'hekk ma jhallsux aktar kera.

3.9 Barra minhekk, l-Awtorita' tad-Djar qeghda tipprepara ukoll skemi ohra. Dawn huma:

(a) Skema ghat-titjib u miljorment fi djar uzati minn persuni b'disabilita'. Taht din l-iskema li ser tigi mhabbra fi ftit taz-zmien iehor, persuni b'disabilita jistghu japplikaw ghall-ghotja li tista tlahhaq ghall- Lm 1,800 biex jirrendu r-residenza adekwata ghad-dizabilita' taghhom. Din l-iskema ser tiehu post dik mhaddna bhalissa mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

(b) Skema biex tinghata ghajnuna lis-sidien privati ta' postijiet vojta u li jehtiegu titjib u miljoramenti biex dawn jigu rrangati u jigu mikrija lill-Maltin.

3.10 F'Ghawdex ser jinbnew diversi *maisonettes* u garaxxijiet. Hemm ippjanat li madwar 86-il *maisonette* u garaxx jinbnew fil-Qala, Ghasri, Victoria, Xewkija u Xaghra.

3.11 Ghall-erba' snin li gejjin fil-lokalitajiet taht indikati hemm ippjanat diversi bini ta' postijiet kif jidher mill-lista li gejja. Diga inbeda xi xoghol f'xi uhud mill-lokalitajiet:-

| LOKALITA' *Maisonettes* | NUMRU |
|---|---|
| | |
| **Malta** | |
| Attard - Tal-Fuklar | 28 |
| Birzebbuga - Tal-Papa - Plot 146 | 2 |
| Birzebbuga - Tal-Papa - 1-18 | 18 |
| Birzebbuga - Tal-Papa - 1-20 | 20 |
| Birzebbuga - Phase II - Triq il-Port Hieles | 2 |
| Birzebbuga | 1 |
| Cospicua - Plot 6 | 1 |
| Gharghur - Phase - Plot 43 | 2 |
| Iklin - Plot 143 | 2 |
| Kalkara -Tat-Turretta - Plot 21 | 2 |
| Kirkop - Housing Estate | 4 |
| Luqa - Hal Farrug - Plot 95 | 2 |
| Marsaxlokk - Kavallerizza - Plot 5 | 2 |
| Mellieha - Plot 110 | 1 |
| Mosta - Ta' Mlit - *Maisonettes* 1 - 32 | 32 |
| Mqabba - By Pass II - Plot 114 | 2 |
| Msida - Swatar Plots 18, 19, 65 | 6 |
| Msida - Swatar - Plots 18, 19, 65 & 184 | 8 |
| Mtarfa - *New Town Maisonettes* | 90 |
| Mtarfa - Plot 85 | 2 |
| Naxxar - Sghajtar | 10 |
| Naxxar - (Ex BDA) - Plot 5 | 2 |
| Paola - Ghajn Dwieli - Plot 9 | 2 |
| Pembroke | 175 |
| Qrendi - Near School - Plot 13 | 2 |
| Qrendi - Plot 104 | 2 |
| San Gwann - Plot 24 & 25 | 3 |
| San Gwann - Triq ic-Cawsli | 6 |
| San Gwann - Plot 6 | 2 |
| Siggiewi - Triq Kircher | 4 |
| Sta Lucia - NHD II - Phase VII | 18 |
| Zabbar - Bulebel iz-Zghir - Plot 138 | 2 |
| Zurrieq - Tal-Bebbux - Phase II | 1 |
| Zurrieq - Bubaqra - Plot 71 | 2 |
| **TOTAL TA' MAISONETTES** | **458** |

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| *Maisonettes* | |
| | |
| **Ghawdex** | |
| Ghasri Plots 3, 8, 9 & 11 | 8 |
| Qala - Ta' Kassia | 18 |
| Xaghra - Ta' l-Ghezien | 16 |
| Xewkija - Ta' Gok | 26 |
| Victoria - Tal Far | 18 |
| **TOTAL** | **86** |

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| **Appartamenti Godda** | |
| Bugibba - Triq Cassarino | 8 |
| Mtarfa | 20 |
| Pembroke | 365 |
| Qawra | 70 |
| Ta' Giorni - Block K | 12 |
| Zejtun - Gebel San Martin | 24 |
| **TOTAL** | **499** |

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| Appartamenti Godda *(Market Housing)* | |
| Pembroke | **700** |

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| **Twaqqiegh u Rikostruzzjoni ta' Bini** | |
| Cospicua - 41 St Francis Street | 4 |
| Cospicua - Srejdek Lane | 6 |
| Cospicua - St Helen Gate - Blk 2 | 17 |
| Cospicua - St John Street - Phase I | 20 |
| Cospicua - St John Street - Phase II | 49 |
| Floriana - 20, 24 Capuchin's Street | 4 |
| Floriana - 36 - 50, Argotti Street, 44 - 50 Lion Street | 11 |
| Msida - Valley Road - Phase III | 37 |
| Msida - Valley Road - Phase II | 28 |
| Msida - 65 - 70 Conception Str | 9 |
| Valletta - Old Well's Street / St Ursola Street Ph II | 24 |
| Valletta - 6-14 St Nicholas Street | 8 |
| Valletta - 91 Merchant Street | 4 |
| Vittoriosa - Pope Alexander Str 1,2 | 4 |
| **TOTAL** | **225** |

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| Sulari addizjonali fuq bini ezistenti f'diversi lokalitajiet | 498 |

| TOTAL SHIH TA' APPARTAMENTI U *MAISONETTES* | 2466 |
|---|---|

3.12 Giet identifikata art li hija tajba ghall-bini fl-lokalitajiet diversi. Pero dawn huma soggetti ghal-aktar verifika u ghall-permessi kollha necessarji ghall-bini, u dan fl-ambitu tal-harsien ambjentali.

## 4.0 Gheluq

Bhal snin ta' qabel, l-Awtorita' tad-Djar kienet involuta f'attivitajiet qawwija fil-qasam tad-djar. Kellha sehem fit-tqassim tad-djar lill minn haqqu fil-realta'.

Kompliet fil-modernizzar tal-ufficini u tal-makkinarju biex il-haddiema ta' l-Awtorita' tad-Djar jahdmu f'ambjent aktar attraenti. Din is-sena jiskadi il-Ftehim Kollettiv ghall-haddiema li sar bejn l-Awtorita' tad-Djar u Union Haddiema Maqughdin. Hu ttamat li f'cirkustanzi presenti tal-pajjiz dan il-ftehim jigi rinovat fl-ahjar interess ta' l-partijiet involuti.

L-Awtorita' tad-Djar ma tistax tikkonkludi dan ir-rapport qabel ma tirringrazzja lid-Diretturi u l-istaff (1) tad-Dipartimenti ghall-Bini tad-Djar u Tiswija u (2) tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Barra minn hekk tixtieq turi l-apprezzament taghha lil dawk l-impjegati fid-Dipartiment ta' l-Art li bl-ghajnuna taghhom l-Awtorita' tad-Djar setghet tghin l-inkwilini f'proprjeta' tal-Gvern isiru sidien ta' darhom. Pero l-aktar ringrazjament isir lic-Chairman u l-Bord tad-Diretturi li temmew il-hidma taghhom fis-16 ta' Settembru ta' din is-sena u l-istaff kollhu li taw is-sehem taghhom mill-ahjar li setghu, ghalkemm f'xi drabi dan sar taht sitwazzjonijiet mhux tant felici.

**22 ta' Ottubru 1997**

**Mr. Victor Galea**

**Mr. Carmel Esposito**

**Mrs. Carmen Sant**

## RAPPORT FINANZJARJU GHAS-SENA 1996-1997

### 1.0 Dahla

1.1 Fis-sena 1996/1997 l-Awtorita' tad-Djar kellha nefqa totali ta' 10.62 miljun lira kif jidher fit-tabella I ta' hawn taht.

Tabella I




**Dan l-ammont jirrapprezenta 3.4 miljun lira f'nefqa kapitali, 3.6 miljun lira f'nefqa socjali u 3.6 miljun lira f'nefqa rikorrenti.**

### 2.0 Nefqa Kapitali

2.1 Il-parti l-kbira tan-nefqa kapitali, jigifieri 3.35 miljun lira kienet fuq il-bini ta' djar u appartamenti godda. Matul din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kellha diversi progetti mxerrda ma' Malta kollha.Ghad illi sar hafna xoghol ta' kostruzzjoni fuq dawn il-progetti kif ukoll fuq l-infrastruttura u t-tkomplija tat-toroq fl-Imtarfa n-nefqa stmata ta 5.95 miljun lira Maltija ma ntlahqitx , tant illi ghas-sena d-diehla hemm previst illi jkollna nefqa ta 6.32 miljun lira.

Ammont ta' Lm 660,000 huwa dovut lill- kuntratturi ghal xoghol komplut izda parti minnu ghadu qieghed jigi imkejjel u ghalhekk kont ma harigx, u parti jkopri 10% *retention money* kif stipulat fil- kuntratt. Lm 500,000 provduti fl-estimi ghall-akkwist ta' art ma giex utilizzat kollu peress illi d-Dipartiment ta' l-Art ma harigx talba ghall-hlas. X' uhud mill-kuntratturi qatghu lura fix-xoghol tant illi l-Awtorita' kellha timplimenta l-penalitajiet stipulati fill-kundizzjonijiet tat-*tender*.

2.2 Tkompla x-xoghol ta' l-attrezzamenti fl-ufficini ta' l-Awtorita' tad-Djar fil-Furjana. Dan jghin hafna kemm ghall-pubbliku in generali kif ukoll biex jinholoq ambjent ahjar ghall-haddiema.

2.3 Il-kompjuterizzazzjoni fl-ufficini tkompliet u x-xoghol f'diversi sezzjonijiet qieghed isir aktar efficjenti.

TABELLA II




## 3.0 Nefqa Socjali.

3.1 L-iskop ewlieni ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li tghin lic-cittadini Maltin u Ghawdxin li jkollhom dar dicenti fejn jghixu u li theggighom li jsiru sidien ta' djarhom. In-nefqa socjali f'sussidji din is-sena kompliet tizdied, tant illi kellna nefqa ta' 3.59 miljun liri jew 0.73 ta' miljun lira aktar mis-sena l-ohra.Din in-nefqa tkopri diversi sussidji moghtija lill beneficjarji kif gej hawn taht :-

(a) tnaqqis mill-prezz kummercjali ta' l-appartamenti.
(b) tnaqqis mill-hlas tac-cnus.
(c) tnaqqis mill-prezz tal-fidi tac-cnus.
(d) sussidju fuq l-imghax fuq self mill-Lohombus Bank Ltd.
(e) sussidju fuq il-kera.
(f) ghotjiet ta' flus lill-beneficjarji li gew allokati plot fl-iskema tal-*Home Ownership.*
(g) ghotjiet ta' flus lill-beneficjarji biex jixtru u /jew jirrangaw id-djar taghhom biex b'hekk dawn id-djar ma jibqghux *substandard*

3.2 L-ammont ta' sussidju fuq il-bejgh ta' l-appartamenti u djar godda ghal din is-sena kien ta' madwar 1.5 miljun lira.Dan is-sussidju hu direttament relatat mal-bejgh ta' l-istess djar u juri medja ta' tnaqqis ta' 32 fil-mija tal-prezz.

3.3 L-akbar ammont ta' sussidju din is-sena kien ta 1.8 miljun lira. Dan gie moghti lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern li xtraw il-post fejn joqghodu taht l-Iskema I. Dan is-sussidju juri medja ta' tnaqqis ta' 63.5 fil-mija tal-prezz.

3.4 Il-fidi tac-cnus fuq l-H.O.S. Plots din is-sena kompla b'ritmu mghaggel. Tant illi din is-sena kellna dhul ta' Lm 531,000. Fuq dan l-ammont l-Awtorita' tad-Djar tat sussidju ta' Lm 151,000.

3.6 Bhalma jidher fir-rapport amministrattiv hemm ammont sostanzjali ta' applikazzjonijiet li gew approvati taht l-iskemi L, M, u N u li l-beneficjarji taghhom ghadhom ma pprezentawx il-kontijiet tax-xogholijiet. Ghalhekk l-ammont ta' dawn is-sussidji ser jigi mhallas fis-sena finanzjarja li jmiss . Gie ghalhekk stmat l-ammont ta' Lm 544,000 f'sussidji ghas-sena d-diehla.

3.7 L-Awtorita', biex tghin lill-beneficjarji ta' l-iskemi tal-*Home Ownership* kif ukoll lil dawk li jridu jsiru sidien ta' djarhom, taghti sussidju fuq is-self li dawn jiehdu minghand il-Lohombus Bank Ltd. L-Awtorita' kellha nefqa ta' Lm137,368 bhala sussidju fuq dan is-self.

**TABELLA III**



## 4.0 Nefqa Rikorrenti

4.1 L-Awtorita' tad-Djar taghmel dawk il-pagamenti kollha dovuti fuq l-imghaxijiet fuq self u hlas lura tal-kapital.

4.3 In-nefqa tal-htigijiet ta' l-ufficju kienet aktar mill-ammont stmat. Dan peress illi l-Awtorita' hadet sehem f'diversi attivitajiet lokali biex b'hekk setghet twassal il-messagg u s-servizzi taghha lic-cittadin. Barra minn hekk, l-ispiza fl-istampar kienet ghola milli kien previst peress illi l-Awtorita' ma' kull applikazzjoni ta' bejgh ta' appartamenti qieghda taghti pakkett bil-kopji tal-pjanti ta' kull post kif ukoll kopja tal-gazzetta tal-gvern li fiha jkun hemm il-kundizzjonijiet tal-bejgh, u dan ghall-beneficcju ta' l-applikanti.

4.5 L-Awtorita' tipprovdi fondi ghall-hlas lura tas-self. Dan isir biex b'hekk l-Awtorita' ma jkollhiex piz zejjed f'dik is-sena illi fiha jkun imiss illi jithallas xi parti minn dan is-self.

## 5.0 Dhul u Bejgh ta' proprjeta'

5.1 Il-programm tal-bini u bejgh ta' appartamenti kompla b'ritmu tajjeb. L-ammont hu bbazat fuq valur ikkalkolat mill-Awtorita' tad-Djar fuq l-appartamenti u djar li tbiegh. Dan il-valur ikopri l-ispejjez ta' art, servizzi ta' l-infrasttrutura, bini u servizzi professjonali, izda jibqa dejjem aktar baxx mill-prezzijiet fis-suq.

5.2 Matul din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kellha dhul ta Lm 531,154 minn fidi tac-cnus fuq plots ta' l-H.O.S. Dan huwa Lm 351,134 aktar mill-ammont previst ta' Lm 180,000.

## 6.0 Dhul Rikorrenti

6.1 L-ghan ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li l-beneficcjarji jkollhom dar accettabli li fiha jistghu jghixu. F'kazijiet ta' diffikultajiet finanzjarji u psikologici, l-Awtorita' tad-Djar tippermetti trasferimenti ta' *plots* minn beneficjarji ghal terzi persuni.Dan it-trasferiment irid isir skond l-iskemi ta' l-istess Awtorita' li jnaqqsu l-ispekulazzjoni.

6.2 L-Awtorita' tad-Djar inghatat miljun lira mill-fond konsolidat biex setghet twettaq il-programm taghha ghal din is-sena.

AWTORITA' TAD-DJAR
ESTIMI GHAS-SENA 1997/1998
FIL-QOSOR

| INFIEQ | | 1997/1998 LM |
|---|---|---|
| A | Nefqa Kapitall | 6,365,000 |
| B | Nefqa Socjali f'Sussidji | 3,648,000 |
| C | Nefqa Rikorrenti | 1,671,570 |
| **Total** | | **11,684,570** |

**FINANZJATI MID-DHUL LI GEJ:-**

| | | |
|---|---|---|
| D | Dhul minn bejgh ta' propjeta' tal-Gvern | 8,143,000 |
| E | Dhul Rikorrenti | 798,000 |
| F | Bilanc f' Kont Kurrenti | 1,185,000 |
| G | Kontribuzjoni mill-Fond Konsolidat | 1,000,000 |
| H | Self biex ikopri l-izbilanc bejn l-infieq u d-dhul | 558,570 |
| **Total** | | **11,684,570** |

# A. NEFQA KAPITALI

| 1995/96 Nefqa LM | 1996/1997 Stima LM | 1996/1997 Nefqa LM | Dettal | 1997/98 Stima LM | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 4,072,000 | 5,955,000 | 3,352,333 | 1 Programm ta' bini ta' appartamenti u Djar godda | 6,323,000 | * Vot li jkopri akkwist ta' art, bini ta' appartamenti godda u infra struttura madwarhom, fl-Imtarfa u nhawi ohra. |
| 0 | 20,000 | 0 | 2 Studju ta' Progetti ta' bini ta' djar | inkluz f'nru 1 | Vot mahsub ghal studju ta' zvilupp ta' progetti godda fil-qasam tad-Djar. |
| 0 | 60,000 | 0 | 3 Progett ta' bini li jiffranka l-energija | inkluz f'nru 1 | Vot mahsub ghall-progett esperimentali ta' bini li jikkontrolla it-temperatura biex isir uzu anqas ta' energija artificjali. |
| [illegible]01,597 | 20,000 | 32,241 | 4 Attrezzament ta' l-ufficcji ta' l-Awtorita' | 20,000 | Vot ghat-tkomplija ta' attrezzament ta' ufficcji ta' l-Awtorita' tad-Djar, zjieda fl-ghamara u taghmir iehor. |
| 26,332 | 15,000 | 17,071 | 5 Zjieda fil-Kump-juterizzazzjoni ta' l-ufficcju | 15,000 | Vot ghal aktar attrezzament tal-kompute kif ukoll xiri ta' sistema specjalizata ghall-uzu tal-periti. |
| 7,000 | 7,000 | 12,269 | 6 Xiri ta' vetturi | 7,000 | Xiri ta' vetturi godda. |
| 4,206,929 | 6,077,000 | 3,413,914 | TOTAL | 6,365,000 | |

* Dan il-vot hu ghaqda ta' tlett voti: "Programm tal-Bini u Djar", "Akkwist ta' Art', u "Progett tal-Belt Gdida fl-Imtarfa".

## B. NEFQA SOCJALI F'SUSSIDJI

| 1995/96 Nefqa LM | 1996/1997 Stima LM | 1996/1997 Nefqa LM | Dettal | 1997/98 Stima LM | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 1,841,254 | 1,506,000 | 1,496,522 | 1 Sussidji lil-sidien ta' postijiet godda | 1,515,000 | * i Fil-hargiet ta' bejn 1988 u 1991 ta' siti ta' HOS l-Awtorita' offriet ghotjiet diretti lill- beneficjarji. |
| inkluz f'nru 1 | 0 | 0 | 2 Sussidji diretti lil dawk li jinghataw plots fil-hargiet tal-HOS | 0 | ii Appartamenti ma jinbieghux bil-prezz kummercjali taghhom izda bi prezzijiet issussidjati skond skemi stabbiliti. |
| 152,770 | 1,980,000 | 1,782,882 | 3 Sussidji lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern | 1,320,000 | |
| 90,963 | 131,800 | 158,947 | 4 Sussidji fuq fidi ta' cnus | 69,000 | $ Vot li jkopri sussidju moghti fuq il-pagmenti annwali u fidi ta cnus ta' l-HOS plots |
| inkluz f'nru 4 | 0 | 0 | 5 Sussidju fuq hlas ta' cnus. | 0 | |
| 3,420 | 470,000 | 9,315 | 6 Sussidju fuq kera ghall-inkwilini tas-settur privat | 544,000 | |
| inkluz f'nru 6 | 0 | 0 | 7 Sussidju ghall-inkwilini tas-settur privat biex jixtru darhom | 0 | # Vot li jipprovdi fondi ghal sussidju fuq hlas tal-kera, tiswijiet u akkwist ta' appartamenti fis-settru privat. (Skema J,L,M,N) u sussidju iehor. |
| inkluz f'nru 6 | 0 | 0 | 8 Sussidju ghall-inkwilini tas-settur privat biex jaghmlu tiswijiet fil-fond fejn joqghodu | 0 | |
| 160,422 | 250,000 | 137,368 | 9 Sussidji fuq l-imghaxijiet ta' self mill-Lohombus. | 200,000 | Vot ghal sussidji lill-beneficjarji fuq imghaxijiet imhallsa fuq self. |
| 2,858,829 | 4,337,800 | 3,585,034 | TOTAL | 3,648,000 | |

* Ara nota fuq pagna "Dhul minn bejgh ta proprjeta' tal-Gvern".Dan il-vot juri estimi ta' zewg voti; "Sussidji ta' postijiet godda battala mibnija mill-Gvern" u "Sussidji diretti lil dawk li jinghataw plots fil-hargiet tal-HOS".

$ Ara nota fuq pagni "Dhul minn bejgh ta' proprjeta' tal-Gvern" u "Dhul Rikorrenti". Dan il-vot juri estimi ta' zewg voti; "Sussidji fuq fidi ta' cnus" u "Sussidju fuq hlas a' cnus".

# Dan il-vot juri estimi ta' tlett voti "Sussidji fuq kera ghall-inkwilinu tas-settur privat". "Sussidji ghall-inkwilini tas-settur privat biex jixtri darhom", u "Sussidji ghall-inkwilini tas-settur privat biex jaghmlu iswijiet fil-fond fejn joqghodu.

**Nota:** Dawk il-voti li jittrattaw l-istess klassi ta' beneficjarji gew amalgamati flimkien.

## C. NEFQA RIKORRENTI

| 1995/96 Nefqa LM | 1996/1997 Stima LM | 1996/1997 Nefqa LM | Dettal | 1997/98 Stima LM | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 1,198,930 | 3,245,000 | 2,913,302 | 1 Hlas ta' imghaxijiet u kapital fuq self ghall-izvilupp | 723,000 | Vot ghal hlas ta' l-imghaxijiet u s-sommom kapitali fuq is-self. |
| 368,105 | 480,000 | 359,782 | 2 Salarji, pagi, ecc. | 400,000 | |
| 79,632 | 65,000 | 70,917 | 3 Htigijiet ta' l-Ufficcju | 70,000 | |
| 24,661 | 20,000 | 19,347 | 4 Trasport | 20,000 | |
| 0 | 100 | 0 | 5 Spejjez Mixxellanji | inkluzi fi htigijiet ta' l-ufficju | |
| 972 | 2,000 | 1,454 | 6 Hlas ta' dawl u ilma | 2,000 | |
| inkluz f'nru 4 | 200 | 1,605 | 7 Spejjez legali u ta' registrazzjoni ta' l-art | 2,000 | |
| 3,537 | 5,000 | 17 | 8 Spejjez fuq konferenzi u tahrig ghall-impjegati. | 5,000 | Vot ghal tahrig ta' l-impjegati u ghall-attivitajiet kulturali f'oqsma differenti ta' l-amministrazzjoni. |
| 2,070 | 2,070 | 2,070 | 9 Hlas lill-Awdituri | 2,070 | |
| 2,000,000 | 252,449 | 252,449 | 10Fond ghall-hlas lura tas-self | 447,500 | + L-Awtorita' tad-Djar ghandha programm ta' provvediment ta kull sena ghall-hlas lura tas-self. |
| 3,677,907 | 4,071,819 | 3,620,943 | TOTAL | 1,671,570 | |

# Dan il-vot gie assorbit fil-voti l-ohra ta' nfieq.
+ Din il-figura tkopri d-differenza bejn it-total ta' l-investimenti li ghandha l-Awtorita' u l-providement tas-'Sinking Fund' sas-sena 1996/1997.

## D. DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETA' TAL-GVERN

| 1995/96 Dhul LM | 1996/1997 Stima LM | 1996/1997 Dhul LM | Dettal | 1997/98 Stima LM | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 4,353,620 | 5,545,000 | 4,433,294 | 1 Bejgh ta' apparta-menti godda | 6,023,000 | * Stima ta' valur kummercjali ta' postijiet godda, mibnija mill-Gvern u mill-Awtorita' tad-Djar li jitlestaw sal-1996 u jinbieghu. |
| 296,631 | 3,000,000 | 2,806,573 | 2 Bejgh ta' postijiet lill-inkwilini | 2,000,000 | * Stima b'valur kummerc-jali ta' postijiet tal-Gvern u ta' l-Awtorita' tad-Djar li jinbieghu lill-inkwilini taht id-diversi skemi ta' l-Awtorita' tad-Djar. |
| 2,237,384 | 180,000 | 531,154 | 3 Fidi ta' Cnus | 120,000 | * Stima ta' fidi ta' cnus fuq artijiet tal-HOS u ohrajn mahruga mid-Dipartiment ta' l-Artijiet (Skema P). |
| 6,887,635 | 8,725,000 | 7,771,021 | TOTAL | 8,143,000 | |

* Is-sussidju relatat ma' dawn il-voti jidher fuq pagna ta' "Nefqa socjali f'sussidji".

# E. DHUL RIKORRENTI

| 1995/96 Dhul LM | 1996/1997 Stima LM | 1996/1997 Dhul LM | Dettal | 1997/98 Stima LM | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|
| 211,609 | 182,000 | 145,712 | 1 Cnus minn artijiet li hargu taht l-iskemi tal-HOS | 150,000 | $ |
| 1,398 | 6,000 | 25,555 | 2 Kera minn postijiet tal-Gvern | 10,000 | Minn dawk il-postijiet li jghaddu f'idejn l-Awtorita' tad-Djar biex jinbieghu, sakemm jinbieghu, kif ukoll xi postijiet mibnija mill-fondi ta l-Awtorita'. |
| 3,042 | 1,000 | 610 | 3 Dhul minn permessi ghall-hwienet | 1,000 | Drittijiet li jithallsu lill- Awtorita' meta tapprova permessi ghall-ftuh ta' hwienet f'bini fuq artijiet tal-HOS. |
| 4,148 | 3,000 | 2,611 | 4 Lawdemju | 2,000 | Hlas ta' Lawdemju ikun dovut lill-Awtorita' tad-Djar fuq trasferiment lil terzi persuni |
| 73,580 | 30,000 | 37,500 | 5 Dhul minn trasferimenti ta' bini fuq artijiet ta' l-HOS | 20,000 | Jekk bini fuq art tal-HOS jigi trasferit lil terzi persuni bil-kunsens ta' l-Awtorita' tad-Djar ikun dovut hlas lill-Awtorita' tad-Djar. |
| 96,277 | 30,000 | 104,226 | 6 Rimborz ta' sussidju | 40,000 | Jekk bini fuq art ta' l-HOS jigi trasferit qabel ma jaghlaq iz-zmien stipulat fl-iskema relattiva, ikunu jridu jithallsu lura s-sussidji jew parti minnhom lill-Awtorita' tad-Djar. |
| 702,107 | 718,000 | 728,817 | 7 Imghax minn investimenti u flus fil-Banek | 575,000 | Vot li jkopri dhul ta' interessi minn investimenti temporanji u fondi ghall-hlas lura tas-self. |
| [illegible]6,031 | 2,350,000 | 2,079,127 | 8 Likwidazzjoni ta' investimenti. | 0 | Vot li jkopri likwidazzjoni ta investimenti/assi biex jaghmel tajjeb ghad-diskrepanza bejn dhul u hrug. |
| 0 | 0 | 0 | 9 Self | 0 | L-Awtorita' tad-Djar takkwista self ghat-twettiq tal-programm taghha. |
| 2,470,020 | 1,000,000 | 1,000,000 | 10 Kontribuzzjoni mill-fond konsolidat | 1,000,000 | |
| 0 | 0 | 0 | 11 Self | 558,570 | Self biex ikopri l-izbilanc bejn l-infieq u d-dhul. |
| 3,578,212 | 4,320,000 | 4,124,158 | TOTAL | 2,356,570 | |

$ Is-sussidju li ghandu x'jaqsam ma' dan il-vot jidher fuq pagna ta "Nefqa Socjali f'sussidji"